MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TAL-INGUSTIZZJI MALTA

## ONOR. IMHALLEF FARRUGIA SACCO LINO

Seduta tas-7 ta' Jannar, 2003

Numru.

Kevin Camilleri
vs
Il-Ministru tal-Industrija u Kummerc, ic-Chairman Malta Development Corporation

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u b'mod aktar preciz bejn Novembru 1989 u Settembru 1995 ir-rikorrent sofra pregudizzju u ingustizzja konsistenti fil-fatt li gie ingustament maqbuz fl-ghoti tal-promozzjoni misthoqqa lilu u soggettat ghal strain mentali u psikologiku.

Illi l-fatti tal-kaz fis-semplicita` taghhom kienu s-segwenti:

Illi f'Novembru 1989 ir-rikorrent gie trasferit u beda jifforma parti minn Dipartiment maghruf ahjar bhala "Local

Manufacturers Promotion Board" (LMPB) u cioe' Dipartiment fi Hdan il-Malta Development Corporation.

Illi r-raguni li r-rikorrent gie mibghut f'dan id-dipartiment kienet wahda politikament motivata u xoghol ma kien hemm prattikament xejn xi jsir b'mod li r-rikorrent kien ikollu jqatta granet fuq granet bilqieghda fuq siggu ma jaghmel xejn u dan kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kaz.

Illi sussegwement u dan cirka Gunju 1992 u Settembru 1994 ir-rikorrent ghalkemm gie trasferit u moghti xoghol fil-marketing Division - Malta Desk. Hawnhekk is-sitwazzjoni nqalbet u r-rikorrent gie moghti hafna xoghol li kien kompitu ta' zewg gradi aktar mill-grad tieghu u cioe' minn Executive il fuq.

Illi kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tar-rikors ghalkemm il-kollegi li dahlu fl-ingagg taghhom fl-istess sena tieghi gew promossi, baqa jaqdi dmirijietu fedelment ma nghata l-ebda promozzjoni sabiex din tirrifletti x-xoghol li verament kien qieghed jaghmel.

Illi sussegwement u cioe' cirka Settembru 1994 - Mejju 1995 r-rikorrent rega' gie moghti trasferiment iehor u gie stazzjonat fl-Archives Unit gewwa Ta' Qali u cioe' fil-post maghruf bhala l-Counting Hall.

Illi kuntrarjament ghall-posizzjoni precedenti r-rikorrent rega safa f'posizzjoni fejn ma jaghmel xejn bilqieghda fuq siggu joqtol il-hin u dan kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tar-rikors.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku anness li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent filwaqt li jaghmel referenza ghall fuq espost u jirreserva illi jressaq dawk il-provi l-ohra kollha li jistghu jkunu necessarji u opportuni talab lil dan it-Tribunal joghgbu jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment

skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u jinghata rimedju billi jigi moghti l-promozzjoni lilu misthoqqa b'lura u kumpens ta' hamest elef lira Maltija (Lm5000) sabiex jaghmlu tajjeb ghall-ingustizzji kommessi mieghu.

Ra l-lista tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta tal-Ministru ghall-Affarijiet Ekonomici u Industrija li eccepixxa:

Illi mhuwiex edott mill-fatti allegati fir-rikors u ghalhekk irriserva li jirrispondi fid-dettall fi stadju ulterjuri.

Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess jekk jirrizulta li dan l-ilment jikkoncerna l-amministrazzjoni ta' kuljum tal-Korporazzjoni ghall-Izvillupp ta' Malta lanqas ma hu l-legittimu kontradittur ghall-ilment.

Ra l-elenku tax-xhieda ta' l-intimat.

Ra r-risposta ta' l-intimat Chairman Malta Development Corporation li eccepixxa:

Illi mir-records tal-Korporazzjoni rrizultaw is-segwenti punti li huma rilevanti ghall-ilment tar-rikorrent.

1. Illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u s-16 ta' Lulju 1992 l-impjieg tar-rikorrent mal-Korporazzjoni intimata kien gie meqjus bhala wiehed irregolari (u cioe' mhux konformi mal-ligijiet li jirregolaw l-impjieg ta' impjegati fis-servizz pubbliku) u ghalhekk ir-rikorrent ma setax jigi kkunsidrat ghal xi forma ta' promozzjoni assumendo li din kienet misthoqqa.

2. Illi kwantu ghas-secondment tar-rikorrent mal-Local Manufacturers Promotion Board, imkien ma jirrizulta mill-personal file tar-rikorrent li dan qatt ilmenta bil-miktub mit-trattament li nghata kemm dam jahdem ma' dan il-Bord.
3. Illi kwantu ghall-allegazzjoni tar-rikorrent li kien hemm xi motivazzjoni politika fis-secondment tieghu mal-LMPB

fejn skond hu “xoghol ma kien hemm prattikament xejn xi jsir b’mod li kien ikollu jqatta’ granet fuq granet bil-qieghda fuq siggu ma jaghmel xejn” din hija kontradetta minn dak li jghid aktar ‘l isfel ir-rikorrent innifsu fir-rikors tieghu u cioe’ li bejn l-1992 u l-1994 meta kien trasferit fil-Markting Division - Malta “gie moghti hafna xoghol li kien kompitu ta’ zewg gradi aktar mill-grad tieghu”. Il fatt li r-rikorrent fil-marketing Division inghata hafna xoghol li skond l-istess rikorrent kien ta’ responsabbilta’ oghla min dik tal-grad tieghu, jista jindika li s-sentimenti politici tar-rikorrent ma kienux ta’ ebda ostaklu biex hu jinghata xoghol ta’ responsabbilita’ u fiducja.

4. Illi dwar ix-xoghol tar-rikorrent mal-Marketing Division - Malta Desk jidher li veru li huwa kien jipprepara xi draft project papers ghal quddiem il-Bord izda dawn kienu jehtigielhom “revision” sostanzjali mis-superjuri tieghu. Jirrizulta wkoll li s-superjur immedjat tar-rikorrent permezz ta’ memo datat 24 ta’ Settembru 1993 (kopja ta’ liema giet annessa u mmarkata bhala Dok “A”) ikkonferma li Kevin Camilleri kien qed iwettaq xoghol ta’ grad oghla minn tieghu. Dwar din ir-rakkomandazzjoni jidher li l-konkluzjoni tal-Management ta’ dak iz-zmien kienet li r-rikorrent kellu jigi avzat li sejha ghall applikazzjonijiet minn gewwa l-Korporazzjoni kienet imminenti. Mandankollu ghandu jinghad ukoll li r-rikorrent ma ghamilx claim ghall-promotion fil-perjodu fejn suppost li kien qed jaghmel xoghol oghla mill-grad tieghu imma ghamel il-claim cirka sentjn wara u cioe’ fil-25 ta’ Gunju 1996 (vide d-dokument anness immarkat bhala Dok “B”) meta skond dak li allega hu fir-rikors “rega’ safa f’posizzjoni fejn ma jaghmel xejn bil-qeghda fuq siggu joqtol il-hin.

5. Illi dak li allega r-rikorrent fir-rigward tal-perjodu li ghamel jahdem fl-Archives Unit tal-Korporazzjoni fejn suppost ma kien qed jaghmel xejn bil-qieghda fuq siggu joqtol il-hin huwa kontradett minn kliemu stess u cioe’ dak li stqarr fl-ittra tieghu tal-25 ta’ Gunju 1996 “I have created a real Archives Unit and organised a new unit, which previously was nothing more than bales of paper stored in a most disordinate manner”. Liema minn dawn iz-zewg verzjonijiet tar-rikorrent hija dik korretta?!

6. Illi kif se jigi ppruvat waqt is-smiegh tal-kaz ir-rikorrent certament mhuwiex l-uniku impjegat tal-Korporazzjoni li f'perjodu ta' cirka hames snin ma nghatax promozzjoni.

7. Illi ghal kull buon fini ghandu jinghad ukoll li r-rikorrent fid-9 ta' Mejju 1997 inghata promozzjoni billi gie mahtur Small Enterprise Counselling Assistant.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet suesposti l-Korporazzjoni intimata issottomettiet li t-talbiet tar-rikorrent ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu.

Ra l-elenku tax-xhieda flimkien mad-dokumenti tal-intimat. Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**

Illi r-rikorrent pprezenta affidavit fejn qal li ngaggat mal-MDC fi Frar 1987 u wara l-elezzjoni ta' Mejju 1987 intbaghat fl-Export Promotion Division liema ufficcju kien il-Belt. Hemhekk ftit kellhom xoghol x'jaghmlu ghall-perjodu ta' xi sentejn. Hu hass li b' hekk hu gie mwarrab mix-xoghol. F'Gunju 1992 huwa gie posted l-MDC biex jifforma parti mill-Marketing Division fejn hu kien qed jaghmel xoghol oghla mill-grad tieghu minhabba li hu kien clerk u dan kien xoghol ta' executive. Ghalhekk hass li kellu jinghata promozzjoni ghall-grad tax-xoghol li kien qieghed jipproduci. Izda l-promozzjoni qatt ma waslet ghalkemm kellu rakkomandazzjonijiet. F' Settembru 1994 gie trasferit ghall-Archives Unit f' Ta' Qali fejn riedu jordnaw ix-xoghol kollu u dam hemm sal-1996 u l-bini hemmhekk kien f' kundizzjoni fi stat tal-biki, minghajr sistema ta' telephone u jipperkola l-ilma meta taghmel ix-xita. Hu sostna li dan kien minhabba diskriminazzjoni politika.

Ir-rikorrent in kontro ezami semma li ghandu hames O levels u li m'ghamilx ezami sabiex dahal ma l-MDC. Qal li minn Frar 1987 sa Mejju 1987 hu kien stazzjonat fil-Ministeru tal-Industrija jaghmel xoghol fl-Export Promotion Division. Qal li meta gie trasferit il-Belt fl-LMPB kien ilmenta verbalment ghall-fatt li ma tantx kien qed jinghata xoghol kemm hu kif ukoll l-ohrajn li kien hemm fil-bini hemmhekk. Hu kompla jghid li sussegwentement hu nghata promozzjoni ghal Assistant Administrative Officer fl-1997 u fl-istess sena ha l-promozzjoni ghal Executive minn Ipse Ltd.

Xehed Vladimir Cini Manager l-MDC li qal li ltaqa' mar-rikorrent l-ewwel darba fil-bini tal-LMPB f' South Street il-Belt. Iddeskriva l-bini li kien hemm fih disat ikmamar u hu u r-rikorrent damu fl-istess kamra ghal sentejn u nofs. Qal li kienu prezenti kulljum izda ma kellhomx xoghol x' jaghmlu. Qal li wara rega' ltaqa' mar-rikorrent fl-arkivji fejn riedu jigbru flimkien il-files li kien hemm mitluqa tal-MDC. Rikjesta ghal dawn il-files wara l-kompilazzjoni taghhom ma kenitx tkun ta' spiss u ghalhekk hafna xoghol hemm ma kienx ikun hemm anqas.

Xehed Robert Falzon li qal li r-rikorrent kien jahdem mieghu fl-1992 fil-Marketing Division. Qal li xoghol ir-rikorrent kien li jiehu files tal-local entrepreneurs u qal li kien ikollu hafna xoghol. Zied li wara l-1994 it-tnejn intbaghtu fl-arkivji f' Ta' Qali u ddeskriva l-post li kien bla ebda facilitajiet sanitarji, la dawl u la telephone u s-saqaf iqattar. Ix-xoghol kien bazikament manwali. Iddeskriva x-xoghol bhala substandard. Qal li wara l-kompilazzjoni tal-files ma kienx ghad baqa' wisq xoghol.

Xehed Dr Mario Vella li qal li jiftakar lir-rikorrent fil-bini ta' South Street il-Belt. Kienu jahdmu fl-istess appartament izda mhux fl-istess kamra. Qal li jiftakar li meta kienu hemmhekk xoghol ir-rikorrent kien fuq barra. Hu qal li jaf li wara r-rikorrent kien mar jahdem fl-arkivji. Ftakar li r-rikorrent kien fi grad klerikali u li kellu iktar intellett milli joqghod idur il-hwienet. Ir-rikorrent dejjem wera kompetenza f' xogholu u kellu intellett biex jaghmel xoghol ta' livell aktar gholi.

Xehed Vincent Sladden General Manager Designate tal-Pater Group of Companies, kumpanija privata li ma taqax taht l-MDC li qal li jaf lir-rikorrent meta kien Marketing Manager l-MDC fl-1993. Qal li r-rikorrent kien jahdem tajjeb u li kien ghalih ma kienx jitlaq minn mieghu. Izda spjega li t- trasferimenti kienu jinghataw minn iktar 'il fuq u ma kenitx decizjoni tieghu li jinghata transfer ghax kieku kien jibqa' mieghu fid-dipartiment. Zied jghid li r-rikorrent kien jahdem tajjeb. Qal li ghalkemm il-grad tar-rikorrent kien ta' clerk hu kien jinvolvi ruhu f'xoghol tal-Malta Desk u ghal xi zmien kien anki jiffirma l-board papers.

Xehdet Nanette Carbone Counsellor ghall-Institute for the Promotion of Small Enterprises li f'xi zmien fis-snin disghin kienet Executive fil-Marketing Division u r-rikorrent kien jaqa' taht id-dipartiment taghha. Hu kien dam xi sena u wara gie trasferit. Qatt ma ghamlet rapporti kontrieh u kienet kuntenta bix-xoghol tieghu.

Xehdet Mary Cauchi Personnel Manager l-MDC li qalet li r-rikorrent dahal bhala clerk mal-MDC fil-11 ta' Frar 1987 u li hu kien meqjus bhala irregolari u wara kien hemm agreement bejn il-Gvern u l-Unions li dawk il-haddiema li dahlu qabel l-elezzjoni tal-1987 kienu meqjusin f' dik il-kategorija. Qalet ukoll li f'Novembru 1989 ir-rikorrent gie sekondat mal-LMPB. Qalet ukoll li fis-16 ta' Lulju 1992 l-impjieg tar-rikorrent gie regolarizzat bhala clerk typist. Ziedet tghid li fil-collective agreement tal-MDC kien hemm li impjegati irregolari ma jistghux japplikaw ghall-promozzjonijiet.

Xehed Michael Soler li kien Chairman tal-MDC minn Gunju 1987 sa Gunju 1990 u qal li ma jiftakarx lir-rikorrent. Ma ftakarx li kien hemm xi applikazzjoni ghall-promozzjoni minn naha tar-rikorrent. Qal izda li kienu jinghataw priorita` n-nies tal-post fir-rigward tal-promozzjonijiet mhux dawk irregolari. Ftakar izda li kien hemm numru ta' nies li kienu gew trasferiti LMPB u qal li n-nies kienu ntaghzlu propju peress li qabel kienu qed jahdmu fuq xoghol fis-settur parastatali.

Xehed Patrick Staines li qal li kien involut fl-MDC bejn l-1987 u l-1995. Bejn l-1993 u l-1995 kien Deputy Chairman. Semma li ghall-habta tal-1992 ha sehem fl-Employment Committee biex tikkunsidra l-proposals u recommendations ghall-promozzjonijiet izda ma ftakar ebda proposta dwar ir-rikorrent. Kien involut fil-progett tal-arkivji, fejn kien hemm tahwid kbir ta' karti u li kien hemm htiega li jibdew jinzammu hekk kif suppost go l-arkivju. Qal li fil-bidu kien hemm ir-rikorrent u certu Robert Falzon jahdmu fl-arkivji. Qal li bejn wiehed u iehor dan ix-xoghol dam sena. Spjega li fl-ewwel perjodu kien hemm iktar xoghol. Imbaghad maz-zmien beda jonqos. Izda xorta kien hemm bzonn ta' xi hadd li jiehu hsieb il-post. Dwar il-manutenzjoni tal-bini ftakar li kien hemm postijiet f'dawn l-arkivji fejn is-saqaf kien iqattar. Qal li kien imur xi drabi jzur il-postijiet fl-arkivji izda qal ukoll li mar xi darbtejn Ta' Qali u kien maghluq.

**KONKLUZJONIJIET:**

Dwar l-ewwel eccezzjoni tal-Ministru ghall-Affarijiet Ekonomici u Industrija li l-ilment jirrigwarda amministrazzjoni ta' kuljum tal-Korporazzjoni ghall-Izvilupp ta' Malta u ghalhekk hu mhux il-legittimu kontradittur it-Tribunal jirreferi ghall-Artikolu 181B tal-Kap. 12 li jaghmilha cara li l-azzjonijiet gudizzjarji jridu jkunu diretti kontra l-kap tad-Dipartiment tal-Gvern inkarigat fil-materja in kwistjoni. Certament mhux il-Ministru ghall-Affarijiet Ekonomici u Industrija li f' dan il-kaz jassumi r-responsabbilta` u ghalhekk jilqa' l-eccezzjoni u jillibera lill-Ministru mill-osservanza tal-gudizzju.

Ir-rikorrent jilmenta minn nuqqas ta' promozzjoni u minn transfer. L-intimat Chairman tal-Korporazzjoni sostna li l-impjieg tar-rikorrent kien wiehed irregolari u ghalhekk bhala tali l-ilment ma jistax jissussisti, oltre li l-lanjanzi tar-rikorrent mhumhiex gustifikati. Irrizulta li fil-fatt ir-rikorrent kien dahal b' mod irregolari izda l-pozizzjoni kienet regolarizzata fis-16 ta' Lulju 1992. Illi ghalhekk dwar dak li gara qabel l-1992 it-Tribunal ma jistax jilqa' ilmenti dwaru (ara f' dan is-sens McKay vs BOV deciza mit-Tribunal fit-30 ta' Gunju 1999).

Dwar l-ilment tar-rikorrent dwar il-promozzjoni jinghad li propjament dan l-anqas semma specifikament ghal liema promozzjoni qieghed jirreferixxi u anqas liema cirkolari. Donnu li qieghed jilmenta huwa dwar promozzjoni ghall-habta tal-1993 izda hawnhekk it-Tribunal ihoss li din mhux gustifikata minhabba li kull ma kien ilu li sar regolari kienet sena biss. Ukoll ma ngabux provi komparattivi dwar l-abilita`, certifikati, esperjenza, seniority u aspetti pozittivi ohra tar-rikorrent komparati ma’ dawk ta’ min fil-fatt lahaq u infatti anqas biss ma gie moghti l-isem ta’ dak li fil-fatt lahaq – jekk lahaq xi hadd. Ghal dawn il-motivi jichad ukoll din it-talba.

Jifdal li jigi analizzat l-aspett ta’ transfers. Irrizulta li r-rikorrent kien habrieki, kapaci u ta’ livell intellettwali tajjeb izda li dan gie trasferit diversi drabi u l-intimat ma tax raguni valida ghal dawn it-trasferimenti. Fil-kawza fl-ismijiet “Godwin Pulis vs Segretarju Permanenti fl-Ufficju tal-Prim`Ministru et” deciza fit-23 ta’ Marzu, 1999 it-Tribunal qal:

“Meta jsiru domandi lil min ikun responsabbli ghat-transfers it-Tribunal jisma’ dejjem li fil-kuntratt tax-xoghol hemm stipulat li dan jista’ jsir skond l-esigenzi tas-servizz, kif ukoll li ma hemm ebda ligi li tghidlek li dan irid ikun bil-miktub u li jinghatw r-ragunijiet ghalih. Veru li sfortunatament ma hemmx ligi f’dan ir-rigward, izda f’dan is-seklu ghalkemm il-haddiema ghandhom hafna aktar doveri milli xi whud minnhom jifmu, fl-istess hin hemm id-dover sakrosant li ghandhom jigu stmati bl-ahjar mod possibli. Il-kliem esigenzi tas-servizz mhix xi lokuzzjoni frivola li wiehed jghaddiha bhala passatemp – infatti l-esigenzi tas-servizz iridu veru jirrekjedu hekk. Is-serjeta’ titlob ukoll li transfer ikun hemm raguni valida ghalih, u ferm desiderabbli li jinghata bil-miktub jekk kollox hu “above board”.

Ghalhekk dwar it-transfer jichad l-eccezzjoni tal-intimat Chairman tal-Korporazzjoni u peress li t-talba gustifikata t-Tribunal jirrikmanda li jsir hlas ta’ kumpens ta’ Lm2000.

Spejjez kontra l-intimat Chairman tal-Korporazzjoni Maltija ghall-Izvilupp hlief dawk relattivi ghall-Ministru ghall-Affarijiet Ekonomici u Industrija li huma ghar-rikorrent.